# FIL-QORTI ĊIVILI - PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, it-Tlieta 22 ta' April 2025

Mandat Numru **510/2025 ISB**

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 510/2025ISB** fl-ismijiet :

**John Attard (KI Nru. 339266M)**

**vs**

**(i) Steve Agius, CEO, in rappreżentanza tal-Aġenzija Identita' Malta**

**(ii) Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru Għall Intern, Sigurta u x-Xoghol in rappreżentanza tal-istess Ministeru**

**(iii) Wasteserv Malta Ltd (għall kull interess li jista' jkollha)**

**Il-Qorti** :

Rat ir-**rikors** ta' John Attard tas-27 ta' Marzu 2025, fejn huwa talab lil din il-Qorti sabiex :

***B'kwalunkwe mod jagħmlu redeployment, jew trasferiment, jew varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrent, u dan wara li r-rikorrent rċieva korrispondenza b'email minn Gertrude Spiteri li hija c-Chief Human Resources Officer tal-Aġenzija Identita' Malta nhar is-26 ta' Marzu 2025 li permezz tagħha ġie infrumat illi ser jiġi 'redeployed to Waste Serve Malta Ltd with effect from Friday 28th March 2025' minħabba raġunijiet imsemmija fl-istess email hawn annessa bhala DOK JA 1.***

U dan għas-segwenti raġunijiet:

1. *Ir-rikorrent kien ġie impjegat mal-Aġenzija Identita' fl-4 ta' Ġunju 2016 fil-kariga ta' Senior Manager (Due Diligence Analyst) u għadu sa'llum impjegat tal-istess Aġenzija, llum stazjonat mas-Searches Unit f'uċċjju f'126 Archbishop Street, Valletta .*

2. *Kopja tal-kuntratt ta' impjieg qed jiġi anness u mmarkat bħala* ***DOK JA 2.***

3. *Illi r-rikorrent kien u jibqa impjegat leali lejn l-Aġenzija u lejn id-dmirijiet tiegħu, dejjem kellu prestazzjoni tajba, u qatt ma kien soġġett għal xi azzjoni dixxiplinarja.*

4. *Bħala stat ta' fatt magħtul l-impjieg tiegħu mal-Aġenzija, huwa kien responsabbli għal ċerti verifiki interni (awditjar) li seħħ u li wasslu għal azzjonijiet ta' dixxiplina meħuda kontra impjegati tal-Aġenizija;*

5. *Illi r-rikorrent għandu l-eta ta' 58 (u jagħlaq 59 f'Awissu 2025) u għaldaqstant fi ftit snin jasal għall eta tal-pensjoni tiegħu. Għaldaqstant, ir-rikorrent beda jaħseb kif wara li jirtira, jkun jista' jibqa jaqla xi introjtu. Huwa għandu d-dritt li tirtira ta' 61.*

6. *Illi r-rikorrent ġja minn snin ilu nghata liċenza ta' Light Passenger Transport Services Operator (LPTS) mogħti lilu f'ismu personali fil-kapaċita ta' sole trader minn Transport Malta, liema liċenzja tippermettilu illi jħaddem servizz ta' trasport, li kieku jrid.*

7. *A skans ta' kwalunkwe malintiż, r-rikorrent qatt ma opera taħt dina l-liċenzja u bħalissa ma jopera l-ebda servizz minkejja li għandu liċenzja u kwindi l-anqas ma jimpjega miegħu xi impjegati. In oltre, għal kjarezza, r-rikorrent huwa wkoll direttur (non-executive) iżda mhux azzjonist fuq kumpannija bl-isem BLP Limited C 104605, liema involvement kien iddikjara lis-CEO tal-Aġenzija Identita' żmien ilu (preċizament fil-15 ta' Lulju 2024) liema CEO kien iddikjara li ma kellu l-ebda oġġezzjoni.*

8. *Peress illi r-rikorrent se jirtira fi ftit snin u qiegħed jaħseb illi jibda iwaqqaf in-negozju privat tiegħu li jippermettilu jkompli jaqla' għajxien deċenti, huwa qiegħed jaħseb ukoll illi sabiex imexxi n-negozju privat ser ikollu*

*bżonn jimpjega ħaddiema, u dawn jistgħħu jinkludi impjegati kemm Maltin, tal-UE jew li mhumiex ċittadini tal-UE (ossia Thirds Country Nationals - TCNs).*

9. *Illi fil-każ li jkollu bżonn jimpjega TCNs, il-proċess tal-applikazzjoni jkollu jsir permezz tal-Aġenzija Identita' Malta. Għal din ir-raġuni, bi trasparenza sħiħa, fl-24 ta' Jannar 2024 huwa kiteb lill-Kap Eżekuttiv ta' Identita' Malta biex jinformaħ bil-ħtieġa possibbli tiegħu li jibda japplika għal permessi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jiġu impjegati miegħu u permezz tal-istess email talab permess mingħand is-CEO biex jkun awtorizzat jirreġistra fuq il-Single Permit portal tal-Aġenzija.*

10. *Illi fit-12 ta' Frar 2025, l-istess CEO permezz ta' email wieġeb fejn qal li kien għadda t-talba tar-rikorrent lil Compliance għal 'review', u jkompli billi jgħid illi 'it has been determined that this situation constitutes a clear case of conflict of interest, as outlined in the Conflict of Interest Policy'.*

11. *Il-korrispondenza surriferita qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK JA 3****.*

12. *Ir-rikorrent ma sema xejn iżjed mis-CEO u sa dakinhar it-talba tiegħu la giet aċċettata u l-anqas ma ġiet rrifjutata formalment.*

13. *Madankollu, fl-10 ta' Marzu r-rikorrent irċieva messaġġ mis-CEO ta Wasteserv Malta Limited li ried ikellmu. Tkellmu u dan infurmaħ illi kien qed isir diskors illi r-rikorrent kien ser jiġi seconded mal-Wasteserv.*

14. *Illi dakinhar r-rikorrent ċempell lill-tal-HR Gertrude Spiteri u saqsa għall informazzjoni u hija qalet biss illi kien ser jiġi kkuntattjat biex jidher quddiem xi bord.*

15. *Illi f'daqqa waħda nhar il-24 ta' Marzu 2025, r-rikorrent ġie infurmat (b'mod informali minn kollega Marta Mifsud) li mill-1 ta April 2025 huwa kien ser jigi transferred ma Wastserv.*

16. *Illi r-rikorrent kien ferm sorpriż b'dan kollu stante illi huwa qatt ma kien formalment infurmat b'din il-possibbiltà, u lanqas ma kien kkonsultat jew mogħti l-opportunità li jagħti l-opinjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni.*

17. *Illi in oltre, huwa la kien għadu beda jopera, la kien beda jimpjega nies miegħu u l-anqas ma kien applika għall xi permessi għal TCNs f'ismu personalment.*

18. *Illi r-rikorrent ipprova jsaqsi għal xi informazzjoni iżda baqa ma ngħata l-ebda informazzjoni formali.*

19. *Illi kien biss fil-25 ta' Marzu 2025 illi r-rikorrent irċieva korrispondenza mid-direttur Generali tal-Ministeru tal-Ambjent li permezz tagħħa dan*

*intalab jikkonferma jekk kienx ta l-kunsens tiegħu biex isir re-depoloyment mingħand l-Aġenzija għal għand il-Wasteserve u jekk hux qed jaċċetta s-salarju l-ġdid.*

20. *Illi naturalment, ir-rikorrent kien xxukjat b'dan, u fil-26 ta' Marzu 2025 wieġeb b'mod formali jispjega li ħadd ma kien infurmaħ, jew ikkonsultaħ, aħseb u ara kemm seta ntalab jagħti l-kunsens, u għaldaqstant wieġeb ċar li ma kienx qiegħed jagħti l-kunsens.*

21. *Il-korrispondenza tal-Ministeru qed tiġi annessa hawn bħala* ***DOK JA 4****.*

22. *Ir-risposta tar-rikorrent għall-korrispondenza tal-Minsteru qed tiġi annessa hawn bħala* ***DOK JA 5****.*

23. *Illi fl-istess jum tat-26 ta' Marzu 2026, r-rikorrent inkariga avukat u talbu sabiex jikteb formalment lill-Aġenzija stante illi s-sitwazzjoni saret skomda u kellu ħafna ansjeta. Naturalment, huwa qatt ma kien talab, jew intalab, sabiex jikkunsidra li jiġi redeployed, u in fatti qatt ma kellu l-ħsieb li jiċċaqlaq jew ifittex xogħol ġdid, ċertament mhux issa ftit qabel ma jasal għall-eta' tal-pensjoni.*

24. *Il-korrispondenza tal-avukat qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK JA 6****. Din hija datata 26 ta' Marzu 2025, fejn fost affarijiet oħra jiġi spjegat lll-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija li fl-opinjoni umli tar-rikorrenti, wara li kien ikkunsidra l-policies rilevanti, ma kellux jirriżulta li kien hemm xi tip ta' kunflitt ta' interess dirett, u lanqas kunflitt ta' interess potenzjali.*

25. *Illi fl-istess korrispondenza, l-avukat, a nom tar-rikorrent, jispjega kif semmai, li kieku huwa kellu japplika biex jħaddem TCNs, dan forsi jista jkun perċepit bħala kunflitt (u cioe' dak li jissejjah bħala 'apparent' conflict), li mhux l-istess daqs li kieku hemm kunflitt dirett. Jispjega wkoll illi ai termini tal-istess policies dwar il-kunflitti (ossia l-Framework tal-Gvern tal-2024), fejn ikun hemm kunflitt, wieħed għandu, b'mod proporzjonat, isib l-aħjar mezz li biħ jiġi kkontrollat dak il-kunflitt. Cioe' peress illi l-kwistjoni tista' semmai titqies bħala kunflitt ta' interess "perċepit", kellha ssir diskussjoni amikevoli biex jiġi evitat u jittaffa r-riskju ta' kunflitti ta' interess perċepit.*

26. *Illi kif hemm spjegat fil-korrispondenza lis-CEO, r-rikorrent huwa konvint illi minkejja li huwa jaħdem f'unit partikolari tal-Aġenzija, huwa ma jiffurmax parti mill-unit tal-Aġenzija li tipproċessa l-applikazzjonijiet tat-TCNS (liema units ma humiex fl-istess bini), u dan ifisser illi dik l-applikazzjoni ma taqax fir-responsabbilta' tiegħu, iżda ta' oħrajn, u huwa ma jkollu l-ebda ndħil fil-proċess. In oltre, li kieku hemm xi riskju, hemm ukoll il-possibilta' li jiddaħħlu miżuri oħrajn (bħal per eżempju – four-eyed-principle) li jiżguraw illi ma jkunx hemm abbuż.*

27. *Illi ċertament mhux b'kumbinazzjoni ftit wara li l-avukat kiteb lill-Aġenzija fis-26 ta' Marzu, r-rikorrent irċieva email mingħand Gertrude Spiteri li hija ic-Chief Human Resources Officer tal-Aġenzija.*

    *F'din l-email, li qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***DOK JA 7****, jinsabu kkupjati (Cc.)* ***is-CEO*** *tal-Aġenzija Steve Agius u s-sinjura Joyce Dimech li hija s-segretarja permanenti fi ħdan il-Ministeru Għall Intern, Sigurta u x-Xoghol.*

28. *Illi f'din l-email Spiteri tinforma lir-rikorrenti illi:*

    *'I refer to your email dated 24th January 2025, whereby you had sought approval from the Agency to start employing Third Country Nationals (TCN's) with a company you are directly involved in.*

    *The Agency has examined your request, and also referred the matter to the 'Conflicts of Interest Committee' in terms of the 'Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Sector' published in February 2024.*

    *You may wish to note that it is within the responsibility of the Agency to manage conflicts of interest which they are aware of, given that a conflict of interest may lead to the integrity of the public employee to be questioned, and may also impact the reputation of the Agency itself. From the information available to the Agency, it is evident that the employment of TCNs with your company constitute a serious conflict of interest with the functions and duties of the Agency.*

    *Therefore, in view of these circumstances and in line with the provisions of the Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Sector' of February 2024, you are being redeployed to Wasteserv Malta Ltd with effect from Friday 28th March 2025.'*

29. *Illi huwa proprju minħabba din il-korrispondenza li r-rikorrent issa ma tħalla l-ebda għazla oħra ħlief li jintavola dan il-mandat ta' inibizzjoni stante illi issa huwa ċar u ovvju li*
    *(i) xi ħadd ħa deċizjoni li r-rikorrent għandu jiġi redeployed;*
    *(ii) dik id-deċizjoni r-rikorrenti ma jafx min ħadha;*
    *(iii) ma kien hemm l-ebda trasparenza fil-proċess; la mill-Agenzija, u l-anqas mill-Kumitat; u wisq inqas minn min ħa d-deċizjoni;*
    *(iv) r-rikorrent fl-ebda ħin ma ntalab jagħti l-posizzjoni tiegħu dwar l-allegat kunflitt ta' interess;*
    *(v) r-rikorrent ma kienx infurmat li l-kwistjoni kienet ser tiġi indirizzata mill-kumitat imsemmi;*
    *(vi) fl-ebda ħin ma ntalab jikkunsidra 'management stategies' differenti, kif wara kollux jissemmew u huma maħsuba fid-direttivi u l-policies tal-Gvern, u dan sabiex jiġu ġestiti kunflitti (jew kunflitti perċepiti) b'mod raġjonevolu u proporzjonat.*

*(vii) Deċizjoni ta' redeployment hija l-aktar miżura drakonjana li l-Aġenzija setgħet qatt timponi;*

30. *Illi in oltre, u apparti dan kollu, kif ser jiġi spjegat l-Agenzija ma għanda l-ebda dritt statutorju illi tordna redeployment.*

31. *Illi in oltre, u apparti dan kollu, redeployment ma tistax issir minn mal-Gvern għal xi entita' distinta, f'dan il-kaz* ***WasteServ Malta Limited*** *li għalkemm l-isħma tagħha huma primarjament ta Malta Government Investiments Limited, hija entita' seperata w distinta (limited liability company) li ġiet inkorporata fis-sena 2002 li hija responsabbli għall-immaniġġjar taż-żibel.*

   *(vide dokument mill-portal tal-MBR* ***DOK JA 8****)*

32. *Illi, l-kriterji statutorji għall-redeployment mhumiex sodisfatti. Redeployment huwa regolat permezz tal-****Artikolu 16 tal-Kapitolu 494*** *u l -Manual on Resourcing Policies and Procedures. Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures_9.pdf*

   *L-Artikolu 16 tal-Att jiddisponi illi:*

   ***Skjerament mill-gdid ta' impjegati fis-settur pubbliku***

   *16.(1) Meta l-Prim Ministru jkun tal-parir li xi impjegat, ta' korp jew soċjetà msemmija fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni li minħabba f'riorganizzazzjoni jew ristrutturar ta' xi korp jew soċjetà minn dawk imsemmijin ikun jista' jitlef l-impjieg jew ikun sar xort'oħra żejjed, ikun jista' jiġi skjerat mill-ġdid fis-settur pubbliku f'xi impjieg ieħor ma' xi korp ieħor jew soċjetà oħra kif fuq imsemmija, huwa jista' joħroġ ordni li tkun tordna dak l-iskjerament mill-ġdid u dik l-ordni għandu jkollha l-effett u għall-iskop ta' dak l-iskjerament mill-ġdid ir-reklutaġġ skont servizz tal-impjieg provdut minn Jobsplus għandu jsir skont dik l-ordni.(2) Ordni li tinħareġ taħt is-subartikolu (1) tista' tkun tinkludi dawk il-pattijiet, kondizzjonijiet, modalitajiet u termini ta' żmien skont ma l-Prim Ministru jista' jqis li jkun adatt li jinkludi bil-għan li jiġi regolat dak l-iskjerament mill-ġdid jew bil-għan li jiġi evitat kull piż mhux dovut, anomalija jew tbatija fuq il-prinċipal jew fuq l-impjegat jew fuq impjegati oħra tal-korp jew soċjetà fejn dak l-impjegat ikun ġie jew ikun ser jiġi skjerat mill-ġdid.*

   *Il-Manual jghid f'Section 5.4.2 (u vide estratt* ***DOK JA 9****) illi :*

   *5.4.2 Redeployment of public sector employees declared as surplus to the requirements of a public sector entity may be effected by the Prime Minister by means of article 16 of the Employment and Training Services (ETS) Act (Chap. 594), if their services are required in another public sector entity. Such redeployment is always effected with the mutual consent of both entities and their respective Permanent Secretaries and*

*the endorsement of the Principal Permanent Secretary. The employees concerned will be required to endorse a written guarantee, signalling their acceptance to terminate their employment with the original employer and to be redeployed with the other entity, whilst accepting the terms, conditions and financial package being offered. Requests for redeployment necessitate to be submitted to the People and Standards Division via the respective eForms located on: https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx*

*Dan il-każ tar-rikorrent mhux każ li jissodisfa dawn il-kriterji, u anke li kieku, r-rikorrent ma jaf bl-ebda Formola sottomessa għal redeployment kif maħsub, u l-anqas ma jaf bxi ordni skond il-liġi.*

*In oltre r-rikorrent ma tax il-kunsens tiegħu għar-redeployment, ossia sabiex ikun hemm it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu u kwindi redeployment ma jistax isir.*

33. *Illi r-rikorrenti jikkontendi illi din hija kollha messa in xena, fejn il-kwistjoni tal-applikazzjoni tiegħu qed tintuża biss bħala skuża biex jiġi terminat minn mal-Aġenzija.*

34. *Li kieku verament hemm il-buona volonta', r-rikorrent ma kienx jiġi ttrattat b'dan il-mod, u minflok, kienet issir diskussjoni matura bejn il-partijiet sabiex tinstab soluzzjoni.*

35. *In fatti, r-rikorrent jasal jissottometti illi dan kollu m'huwa xejn ħlief azzjoni ta' ritaljazzjoni u azzjoni ta dixxiplina moħbija (veiled disciplinary action)– li semmaj kellha tinvolvi proċeduri ta' dixxiplina skond ir-regoli applikabbli, bi smieħ xieraq u b'konformita' mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

36. *Illi in oltre, jiġi sottommess ukoll illi saħanistra l-Kumitat dwar il-Kunflitti, li huwa organu tal-Gvern, kellu jaċċerta illi jimxi mal- u japplika l- prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu. Huwa inkonċepibbli kif kumitat ta' dik il-portata jonqos milli jitlob imqar posizzjoni bil-mitkub minn impjegat tal-grad tar-rikorrent qabel ma tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha.*

37. *Illi in oltre, bl-istess mod, anke l-Aġenzija, la darba donnu kienet hi li ħadet id-deċizjoni (għalkemm dan mhux ċar min mill-Aġenzija ħa d-deċizjoni) naqqset milli tapplika dawn il-prinċijpji, li wara kollox huma bażilari – u fundamentali – u li l-Gvern għandu jkun ix-xempju ta' ezempju f'dan ir-rigward.*

38. *Illi jingħad ulterjorment illi jekk dan kellu jkun ikkunsidrat bħala trasferiment, mhux redeployment, it-trasferimenti huma wkoll rregolati mill-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (KAP 595)** – li japplika biss bejn il-Ministeri u d-Dipartimenti tal-Ministeri – u mhux bejn Aġenzija tal-*

*Gvern għal kumpanija terza. L-Agenzija intimate, u Wasteserv, ma humiex entitajiet ikkontemplati fil-Kap 595 li minnhom jistgħu isiru trasferimenti. (vide Artikolu 20 dwar trasferimenti, u d-definizzjoni tal-kemla 'Dipartiment tal-Gvern jew Dipartiment' li huma elenkati fit-tieni skeda tal-Att.*

39. *Illi dwar il-polices tal-Gvern dwar kunflitti tajjeb jingħad illi l-Gvern ħareg (i)* ***Direttiva Nru 16*** *kif ukoll (ii) framework 'Qafas għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni tal-Kunflitti ta' Interess fis-Settur Pubbliku' ippubblikat fi Frar 2024.*

40. *Id-direttiva 16 qed tiġi annessa hawn u mmarkata bħala* ***DOK JA 10****.*

41. *Il-framework qed jiġi anness hawn u mmarkat bħala* ***DOK JA 11****.*

**42.** *Il-'Qafas għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni tal-Kunflitti ta' Interess fis-Settur Pubbliku' isemmi kif jekk ikun hemm kunflitt, hemm modalitajiet differenti ta' kif jiġi ġestit kunflitt, li jvarjaw minn reġistrazzjoni sempliċi tal-kunflitt, sal-irrinunzja jew ir-rinunzja ta' interessi privati.* ***Mhux kull kunflitt huwa l-istess u mhux kull kunflitt għandu jiġi ġestit bl-istess mod.***

43. *Illi tajjeb jiġi enfasizzat kif*

a. *Ir-rikorrent ma ngħatax opportunità biex jikkontempla modalitajiet alternattivi skond dan il-Qafas.*

b. *Ir-rikorrent huwa dispost li jikkontempla modalitajiet alternattivi skond dan il-Qafas jekk hemm il-ħtieġa. Ir-rikorrent informa lill-Aġenzija li huwa dispost li jikkontempla modalitajiet alternattivi skond dan il-Qafas jekk hemm il-ħtieġa.*

c. *In oltre, f'termini tal-Artikolu 6.3.2 tal-Qafas huwa ċar li l-kwistjoni għandha tiġi kkunsidrata l-ewwel mis-Segretarju Permanenti. Ir-rikorrent m'għandu l-ebda għarfien jew viżibilità ta' kwalunkwe konsiderazzjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti.*

d. *In oltre ai termini tal-Artikolu 6.3.4 f'każijiet ta' kunflitti ta' interess "ta' riskju għoli" jew "kumplessi", il-kwistjoni tiġi eskalata lill-Kumitat. Ir-rikorrent m'għandu l-ebda għarfien jew viżibilità ta 'kwalunkwe konsiderazzjoni meħuda mis-Segretarju Permanenti li kien iqanqal il-ħtieġa li l-kwistjoni tiġi eskalata lill-Kumitat.*

e. *Il-Kumitat ma informax, ma ikkuntattjax, u ma semax 'l-opinjonijiet tar-rikorrent. Ir-rikorrent m'għandu l-ebda għarfien jew viżibbiltà ta' kwalunkwe konsiderazzjoni meħuda mill-Kumitat, li skont l-Artikolu 6.3.5 huwa maħsub biex jagħti rakkomandazzjonijiet lis-Segretarju Permanenti.*

f. *In oltre, l-Artikolu 6.3.6 tal-Qafas jipprovdi:*

*6.3.7 L-azzjoni meħuda biex jiġu ġestiti l-kunflitti ta' interess identifikati tiddependi fuq in-natura, is-severità u r-riskji assoċjati tal-kunflitt identifikat. It-tabella li ġejja tiddeskrivi strateġiji ta' ġestjoni possibbli li jistgħu jiġu applikati għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u tipprovdi gwida, maħsuba biex tappoġġa lis-Segretarju Permanenti Prinċipali, lis-Segretarji Permanenti u lill-Kumitat għall-Kunflitti ta' Interess, kif applikabbli, fid-determinazzjoni tal-aktar strateġija ta' ġestjoni xierqa għall-ġestjoni ta' sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.*

*Dan il-kliem jirrikjedi b'mod ċar li kwalunkwe azzjoni meħuda għandha tkun proporzjonata.*

g. *Dan il-kliem jirrifletti t-Taqsima 3.4* ***tad-Direttiva Nru 16 – Servizz Pubbliku*** *li bl-istess mod tipprovdi "3.4 L-azzjoni meħuda biex jiġu ġestiti l-kunflitti ta' interess identifikati tiddependi fuq in-natura, is-severità u r-riskji assoċjati tal-kunflitt identifikat"*

h. *L-artikolu 6.3.6 tinkludi Tabella li tiddeskrivi d-diversi Strateġiji ta' Ġestjoni li jistgħu jiġu kkontemplati, u li jiżdiedu minn sempliċi reġistrazzjoni sal-riżenja.*

*Hemm 6 livelli ta 'eskalazzjoni.*

*Waħda minn dawn hija* ***'It-tneħħija mill-kwistjoni'*** *li tkun wasslet għall-kunflitt. Din mhijiex l-ekwivalenti ta'* ***redeployment*** *u fi kwalunkwe każ it-tneħħija tapplika biss għal "Kwistjonijiet ta' natura kontinwa li jagħtu lok għal kunflitti ta' interess serji u fejn restrizzjonijiet ad hoc jew l-ingaġġ ta' partijiet terzi indipendenti biex jissorveljaw parti mill-proċess jew il-proċess kollu ma jkunx xieraq."*

44. *F'dan il-każ l-iskjerament (redeployment) mhuwiex ġustifikat, u mhux meħtieġ, u huwa definittivament sproporzjonat. Għażliet oħra, skond l-istess Qafas, jinkludu li r-rikorrent jikkunsidra* ***li jċedi*** *l-interessi privati tiegħu, jew bħala l-aħħar rimedju li,* ***jirriżenja.***

45. ***Il-Qafas ma jikkontemplax ir-redepoloyment ossia bħala mezz li l-Aġenzija jew is-segretarju permanenti jistgħu jinvokaw unilateralment. Semmai din tiġi tkeċċija, liema tkeċċija tkun waħda illegali u li tikser id-drittijiet tar-rikorrenti fosthom għal smiegħ xieraq.***

46. *Aktar minn hekk, l-Artikolu 6.3.8 jipprovdi*

*is-Segretarju Permanenti jew is-Segretarju Permanenti Prinċipali, kif applikabbli, għandu jinforma lill-impjegat pubbliku / membru tal-bord*

*rispettiv bid-deċiżjoni meħuda biex jiġi ġestit il-kunflitt b'mod f'waqtu u trasparenti.*

*F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda notifika "f'waqtha" jew "trasparenti" mis-Segretarju Permanenti.*

47. *In oltre, t-Taqsima 6.4* ***tad-Direttiva Nru 16 – Servizz Pubbliku*** *tordna li*

*6.4 Kull Ministeru, Direttorat / dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Istat jew entità tal-Gvern għandu jiżgura li jkollhom fis-seħħ sistemi xierqa biex jiffaċilitaw ir-rappurtar u l-immaniġġjar ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess b'mod trasparenti u f'waqtu.*

*6.5 Is-Segretarji Permanenti huma responsabbli biex jiżguraw li kull Ministeru, direttorat/dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-istat jew entità tal-Gvern iżomm 'Reġistru ta' Kunflitti ta' Interess' biex itejbu t-trasparenza u jipprovdu lill-organizzazzjoni rispettiva b'għodda effettiva biex tissorvelja u timmaniġġja sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.*

48. *Dan il-proċess ma kienx trasparenti, jew f'waqtu, u ma ta l-ebda opportunità lir-rikorrent biex jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu, jiddefendi ruħhu kontra dak t-tħassib dwar il-kunflitti, jew biex jikkunsidra mezzi alternattivi u proporzjonati għall-ġestjoni tar-riskju perċepit.*

49. *Ir-rikorrent ma jafx min kien jifforma parti mill-Kumitat, u lanqas ma għandu garanziji li dan kien bord indipendenti, u lanqas ma għandu viżibbiltà tal-informazzjoni kkunsidrata mill-Kumitat qabel ma ħa d-deċiżjoni.*

50. *In oltre, jidher ċar illi l-proċess ma jikkontempla l-ebda rimedju formali li bih ir-rikorrent jista 'jappella deċiżjoni drakonjana bħal ma hi din.*

51. *F'pajjiz demokratiku bħal ma hija Malta, proċediment li jwasslu għal deċizjonijiet li jimpattaw il-ħajja tax-xogħol ta' persuna, l-ħajja personali tal-bniedem, li jaf jkollhom impatt fuq i-saħħa tal-persuna, fuq l-introjtu tal-persuna ċertament m'għandhomx ikun proċedimenti arbitrarji - u l-Agnezija, l-Kumitat (ul-membri fil-kumitat) u l-Ministeru u l-Gvern in-ġenerali għandhom kollha jirrispettaw l-prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali – dan partikolarment iżda mhux biss f'kaz ta ħaddiem leajli tal-Gvern.*

52. *L-impatt fuq ir-rikorrent ser ikun ta' preġudizzju kbir, u sproporzjonat, meta wieħed iqis li kwalunkwe konflitt perċepit seta' ġie rregolat b'mod differenti, u peress li*

a. *Ser jiġi mkeċċi wara 8 snin ta' impjieg mal-Aġenzija' ftit qabel li jirtira;*

b. *Li ser jiġi redeployed ma kumpanija terza (li mhiex ministru, dipartiment jew aġenzija tal-Gvern), fuq xogħol u b'manzjonijite għal kollox differenti, u li wara kollox m'ghandu l-ebda informazzjoni dwarha (jew dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol).*

*Il-preġudizzji li persuna ssofri bit-temm tal-impjieg f'dawn iċ-ċirkostanzi huma preġudizzji li qatt ma wieħed ma jista jagħmel tajjeb għalihom b'rimedju sempliċi ta' kumpens monetarju, stante illi l-impatt u l-konsegwenzi tat-telf tal-impjieg imorru oltre l-kwistjoni ta' ħlas, u dan saħansitra għaliex t-telf ta' impjieg joħloq ansjeta kbira, kemm fuq il-persuna u l-impjegata stess, u b'hekk ikollu impatt fuq is-sahha mentali u l-istat psikologiku tal-persuna li l-ebda kumpens ma jista jagħmel tajjeb għaliħ.*

***Għaldaqstant**, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli tkompli jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors;

Rat id-digriet provvizorju tagħha tas-27 ta' Marzu 2025;

Rat ir-**risposta tal-intimati** tal-24 ta' Marzu 2025 li permezz tagħha qalu hekk:

1. *Illi din it-tweġiba qiegħda tiġi intavolata fit-termini tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Marzu 2025;*

2. *Illi permezz tar-rikors in risposta għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi żżomm lill-intimati milli "b'kwalunkwe mod jagħmlu redeployment, jew trasferiment, jew varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrent, u dan wara li r-rikorrent rċieva korrispondenza b'email minn Gertrude Spiteri li hija c-Chief Human Resources Officer tal-Aġenzija Identita' Malta nhar is-26 ta' Marzu 2025, li permezz tagħha ġie infurmat illi ser jiġi 'redeployed to Waste Serve Malta Ltd with effect from Friday 28th March 2025' minħabba raġunijiet imsemmija fl-istess email hawn annessa bħala Dok JA 1";*

3. *Illi l-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri;*

***<u>Fatti</u>***

4. *Fil-waqt li l-esponenti huma konsapevoli tal-fatt li fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, dina l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel eżami tal-mertu fuq bażi biss ta' prima facie, l-esponenti ser iwieġbu għad-diversi allegazzjonijiet inveritiera, fattwalment skorretti u żvijanti li saru fir-rikors in risposta;*

***Dwar l-impjieg tar-rikorrent***

5. *Ir-rikorrent ilu impjegat mal-Aġenzija sa mill-4 ta' Lulju (u mhux Ġunju kif imniżżel fir-rikors in risposta) tas-sena 2016.* ***Dok A*** *hawn anness hija l-Personal Record Sheet tar-rikorrent li tinkludi dettalji dwar l-impjieg tar-rikorrent mal-Aġenzija. Fil-15 ta' Mejju 2018 huwa kien ġie redeployed ma' Automated Revenue Management Services Ltd, magħrufa bħala Arms, kumpanija kummerċjali kontrollata mill-Gvern, u ftit xhur wara, fl-istess sena, reġa' rritorna mal-Aġenzija.* ***Mis-sena 2018 sal-bidu tas-sena 2023, huwa kien jaħdem bħala Senior Manager fil-qasam tal-Expatriates****, fatt rilevanti ħafna kif ser jiġi muri minħabba l-kwistjoni tal-kunflitt ta' interess tar-rikorrent;*

***Dwar xogħol futuri li huwa potenzjalment kunfliġġenti***

6. *Ir-rikorrent jisħaq fir-rikors in risposta, illi iżjed kmieni din is-sena huwa beda* ***jaħseb biex jibda jwaqqaf*** *in-negozju tiegħu għal wara li jirtira, u biex ikun trasparenti mal-Aġenzija, huwa bagħat* ***jinfurmaha dwar il-possibilita'*** *li f'dan in-negozju jkollu bżonn japplika għal Single Permits għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu miegħu;*

7. ***Dan kollu huwa inveritier u verament żvijanti, kif ser jiġi muri;***

8. *Fl-ewwel lok jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-email (Dok JA3) annessa mar-rikors in risposta stess, jidher ċar li din l-email kienet* ***talba għal approvazzjoni*** *biex jirreġistra mal-portal għas-Single Permits u jimpjega persuni mal-kumpanija privata tiegħu:*

   *"I am writing to you to seek approval to be able to register with the Single Permit portal to be able to employ TCN's with my private company".*

9. *Dan ifisser li mhuwiex minnu li kien qiegħed jaħseb għal xi mument fil-futur, iżda almenu t-talba saret* ***għall-preżent****, u mhuwiex minnu li "qiegħed jaħseb illi jibda iwaqqaf in-negozju privat tiegħu" (premessa numru 9 fir-rikors in risposta), għaliex kif jgħid hu stess il-****kumpanija privata tiegħu diġa' hija eżistenti****;*

10. *Dwar din tal-aħħar, mir-riċerka li għamlu l-esponenti rriżulta illi l-kumpanija tar-rikorrent, BLP Limited (C 104605) ilha reġistrata mis-16 ta' Frar 2023, u hija attiva. L-ishma huma ta' familjari tar-rikorrent, u* ***r-rikorrent huwa Direttur fil-kumpanija***[1]*, flimkien ma' familjar ieħor tiegħu. Dan kollu jidher mill-estratt mill-informazzjoni misjuba fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok B****;*

---

[1] Ir-rikorrent kien sar Direttur fit-23 ta' Frar 2023, imbagħad irriżenja fil-15 ta' Mejju 2023, u reġa' sar Direttur fit-12 ta' Ġunju 2024, Form K's relattivi hawn annessi u mmarkati bħala **Dok Ċ.**

11. *Il-Kumpanija BLP Limited topera sabiex tipprovdi "all types of transport services, including but not limited to taxi and chauffeur driven services" (vide l-Objects Clause, fil-Memorandum tal-istess kumpannija, hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok D****);*

12. *Mingħajr referenza għall-kumpanija BLP Limited, fit-13 ta' Mejju 2023, ir-rikorrent kien bagħat lill-Aġenzija Identita' biex jinfurmagħha li ser jopera negozju ta' Cab Services, bħala 'self-employed', b'effett mill-1 ta' Marzu 2023 (vide D****ok E*** *hawn anness). Ma indikax li* ***kien diġa' Direttur*** *f'kumpanija li toffri servizz ta' taxis, liema kumpanija kienet totalment proprjeta' tal-familjari tiegħu;*

***Dwar il-kunflitt ta' interess***

13. *Stabbilit li r-rikorrent kien ilu sa mill-2023 Direttur tal-kumpanija BLP Ltd, jiġi rilevat ukoll li l-kumpanija BLP Ltd ma kinitx qiegħda tistenna l-irtirar tar-rikorrent jew l-approvazzjoni tat-talba tiegħu mal-Aġenzija biex topera. L-Aġenzija, meta rċeviet it-talba għall-approvazzjoni tar-rikorrent għamlet il-verifiki tagħha u sabet illi l-istess kumpannija kienet issottomettiet sbatax-il applikazzjoni fuq il-portal tagħha (vide* ***Dok F*** *hawn anness). L-applikazzjonijiet jibdew mis-6 ta' Marzu 2024, bl-iżjed waħda riċenti tkun fit-22 ta' Jannar 2025. Uħud mill-applikazzjonijiet kienu għal tibdil fl-impjegant, uħud għal renewal, u wħud applikazzjonijiet għal permessi ġodda;*

14. *Dan minkejja li r-rikorrent fir-rikors in risposta ddikjara bla tlaqliq:*

*"17. Illi in oltre, huwa la kien għadu beda jopera, la kien beda jimpjega nies miegħu u l-anqas ma kien applika għall xi permessi għal TCNs f'ismu personalment."*[2]

15. *Nhar il-15 ta' Ottubru 2024, l-Aġenzija ġiet infurmata li r-rikorrent kien bagħat email lil uffiċjal fl-Expatriates Unit, minn indirizz elettroniku personali f'isem il-kumpanija BLP Limited, waqt il-ħin tax-xogħol*[3]*, jistaqsi dwar applikazzjoni pendenti b'mod li jagħti x'jifhem li għandha tiġi proċessata malajr u qabel oħrajn (vide* ***Dok H*** *hawn annessa);*

16. *Jirriżulta li korrispondenza simili kienet saret diversi drabi oħra mir-rikorrent lil uffiċjali oħra (vide* ***Dok I*** *hawn anness). Fil-korrispondenza, li ngħatat lill-Aġenzija minn dawn l-uffiċjali li kienu skomdi speċjalment għaliex dawn l-uffiċjali kienu inferjuri diretti tar-rikorrent meta kien Senior Manager (Expatriates), u anke bħala ħjerarkija fl-Aġenzija b'mod ġenerali*

[2] Jista' jkun li hawnhekk il-kelma "personalment" intużat għal tal-apposta biex taħbi l-fatt li r-rikorrent kien qiegħed jintavola l-applikazzjonijiet f'isem il-kumpanija. Dan ma jnaqqas xejn mill-kunflitt ta' interess lampanti li qiegħed jipprova jaħbi r-rikorrent;
[3] Jirriżulta li dak il-ħin li ntbagħtet l-email kien sippost qiegħed xogħol u mhux fuq xi sahra (*vide* **Dok Ġ** hawn anness);

*jiġu uffiċjali inferjuri tiegħu, jidher biċ-ċar li r-rikorrent kien diġa' qiegħed jopera negozju ta' taxis;*

17. *Minħabba f'hekk, l-Aġenzija bagħtet email vide l-HR tagħha lill-impjegati kollha tagħha nhar it-18 ta' Frar 2025, fejn fakkret fil-Memo HR/2022/07 li tipprovdi li impjegati ma jistgħux fost l-oħrajn jitolbu informazzjoni dwar applikazzjonijiet pendenti (vide **Dok J** hawn anness);*

***Dwar ir-Redeployment***

18. *Meta l-Aġenzija għamlet dawn il-verifiki, fost l-oħrajn, dehrilha li r-rikorrent kien f'kunflitt ta' interess serju u apparenti, li jmur kontra kemm il-Policy interna tagħha (kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok K**), id-Direttiva Nru. 16 (annessa mar-rikors in risposta bħala **Dok JA10**) u l-Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Sector (anness mar-rikors in risposta bħala **Dok JA 11**) li daħal fis-seħħ wara rikommandazzjonijiet tal-GRECO lil Malta[4] sabiex timponi u teżegwixxi regoli ċari, trasparenti u serji dwar il-kunflitt ta' interess;*

19. *Mhuwiex minnu kif jgħid ir-rikorrent fir-rikors in risposta li "ma kellux jirriżulta li kien hemm xi tip ta' kunflitt ta' interess dirett, u lanqas kunflitt ta' interess personali" (vide premessa bin-numru 24). Kif diġa' ngħad, l-eżerċizzju li għandha tagħmel din l-Onorabbli Qorti f'din il-proċedura huwa wieħed fuq bażi prima facie, iżda fuq din il-bażi l-esponenti jemmnu li minn dak muri u pruvat, altru li huwa ċar daqs il-kristall li **l-kunflitt ta' interess huwa wieħed lampanti**;*

20. *Għalhekk l-esponenti kellhom jaċċertaw illi dan il-kunflitt ta' interess jieqaf immedjatament billi jieħdu l-passi meħtieġa. Il-Framework imsemmi jipprovdi għal "possible management strategies" li jistgħu jittieħdu, li fosthom hemm: "Remove: The public employee or board member is removed from the matter giving rise to the conflict of interest", u "Resign: The public employee or board member resigns from their position". Mingħajr ma wieħed jidħol f'eżami tar-raġunar tal-esponenti fid-deċiżjoni tagħhom, huwa ovvju li t-tneħħija tar-rikorrent mill-kwistjoni ma kinitx possibli, fost l-oħrajn għaliex diġa' ma kienx fis-sezzjoni tal-Expatriates minkejja li kien qiegħed abużivament jitlob informazzjoni mill-istess sezzjoni. Fid-diskrezzjoni tagħhom, l-esponenti waslu għal konklużjoni li l-aħjar soluzzjoni kienet dik tar-redeployment tar-rikorrent f'entita' oħra – soluzzjoni li fl-aħħar mill-aħħar l-inqas li taffettwa lir-rikorrent għaliex ma jispiċċax mingħajr impjieg;*

[4] Group of States against Corruption (GRECO); Second Compliance Report, Malta, 21 March 2024.

21. *Is-Sinjura Gertrude Spiteri, Chief Human Resources Officer fi ħdan l-Aġenzija, infurmat lis-Segretarji Permanenti tal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika u tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol permezz ta' email, li l-Aġenzija qiegħda titlob ir-redeployment tar-rikorrent. L-istess email tgħid li "Mr John Attard will be informed following your confirmation" (vide* ***Dok L*** *hawn anness);*

22. *Skont il-Manual on Resourcing Policies and Procedures (****Dok JA 9*** *mar-rikors promotur), sezzjoni 5.4.2, ir-redeployment irid ikun sar b'kunsens taż-żewġ entitajiet u s-Segretarji Permanenti rispettivi. L-istess sezzjoni tkompli tgħid: "The employees concerned will be* ***required*** *to endorse a written guarantee, signalling their acceptance to terminate their employment with the original employer and to be redeployed with the other entity, whilst accepting the terms, conditions and financial package being offered" (enfażi miżjuda);*

23. *B'hekk huwa ċar li l-kunsens tar-rikorrent qatt ma kien meħtieġ. Madanakollu, lanqas huwa minnu li "huwa qatt ma kien talab, jew intalab, sabiex jikkunsidra li jiġi redeployed, u in fatti qatt ma kellu l-ħsieb li jiċċaqlaq jew ifittex xogħol ġdid, ċertament mhux issa ftit qabel ma jasal għall-eta' tal-pensjoni" (vide premessa numru 23), għaliex ftit biss tax-xhur ilu, kien hu stess li talab għal redeployment ma' entita' oħra (Indis Malta) (vide* ***Dok M*** *hawn anness li hija korrispondenza fejn Indis Malta fuq talba tar-rikorrent talbet biex tikseb lill-istess rikorrent mingħand l-Aġenzija Identita');*

24. *Lanqas hija veritiera l-allegazzjoni li meta r-rikorrent ċempel liċ-Chief Human Resources Officer din qaltlu biss li kellu jidher quddiem xi Bord, għaliex kif jista' jiġi kkonfermat taħt ġurament mill-istess Chief Human Resources Officer, hija spjegatlu illi kien qiegħed jiġi investigat il-kunflitt ta' interess u li biex il-proċess ikun ġust u indipendenti kien għadda lill-Conflict of Interest Committee;*

25. *B'hekk jidher* ***bil-provi ċari*** *li r-rikors in risposta huwa* ***mibni fuq diversi premessi li huma fattwalment skorretti, inveritieri u żvijanti****, u dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tqis li tali premessi ġew pruvati lanqas fuq bażi ta' prima facie, wisq inqas li jistgħu jitqiesu biex jippruvaw xi ksur imminenti ta' jedd tar-rikorrent u preġudizzju irrimeddjabbli;*

***<u>Mertu tar-rikors</u>***

26. *Illi traċċjati l-fatti saljenti, l-esponenti tissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jiġi spjegat;*

***Dwar il-Jedd Prima Facie***

27. *Illi fir-rigward **tal-kriterju ai termini tal-artikolu 873(2)** fejn ir-rikorrent għandu juri li hu jgawdi minn **jedd prima facie** li jista' jiġi mħares biss bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, jingħad illi fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma indikax liema hu dak il-**jedd** illi qiegħed jivvanta u li skontu jista' jiġi leż jekk il-mandat ta' inibizzjoni ma jintlaqax b'mod definittiv;*

28. *Minn qari bejn il-linji, wieħed jista' forsi jifhem li r-rikorrent qiegħed jivvanta li għandu jedd li jiġi kkonsultat jew mistoqsi jagħti l-fehma tiegħu dwar liem hi l-aħjar soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess lampanti maħluq minnu. Dan ċertament mhuwiex il-każ;*

29. *Ir-rikorrent tul ir-rikors in risposta jibqa' jisħaq li l-kunflitt ta' interess kien wieħed kważi ineżistenti, tant li "kellha ssir diskussjoni amikevoli biex jiġi evitat u jittaffa r-riskju ta' kunflitt ta' interess perċepit". Jisħaq li dan il-kunflitt "perċepit" **kien jiġi maħluq biss** "li kieku huwa kellu japplika biex jħaddem TCN's" (premessa 25)! Kif diġa' ntwera, dawn l-applikazzjonijiet **mhux talli saru, talli talab informazzjoni dwarhom lil inferjuri tiegħu għal diversi drabi tant li ħassewhom tant skomdi li resqu 'l quddiem għand l-HR**! Huwa inkredibbli kif ir-rikorrent jibqa' jisħaq li dan huwa biss kunflitt ta' interess perċepit li seta' jiġi indirizzat b'xi konverżazzjoni amikevoli;*

30. *Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni ta' kif jiġi indirizzat kunflitt ta' interess hija tal-Gvern u mhux tal-impjegat. L-impjegat għandu dejjem jara li mhuwiex qiegħed f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interess, u mhux qiegħed jikkreja kunflitt ta' interess huwa stess, skont il-gwidi, il-policy u l-Framework. Għandu obbligu wkoll illi f'każ li jaħseb li jkun sab ruħu jew ser isib ruħu f'din is-sitwazzjoni, jinforma lis-superjuri tiegħu. Uffiċjali b'salarju fi skala 5 jew ogħla għandhom obbligu li jiddikjaraw li m'għandhomx kunflitt ta' interess, u jekk jiksru din id-dikjarazzjoni jistgħu jaffaċċjaw konsegwenzi. Ir-rikorrent, Senior Manager, mhux talli m'għamilx dan, talli talab awtorizzazjoni għal xi ħaġa li diġa' kien qiegħed effettivament jagħmel tramite' kumpanija ta' familjari tiegħu li kien Direttur tagħha u kien kjarament attiv fiha, anke waqt il-ħin tax-xogħol, u mingħajr awtorizzazzjoni kompla xorta! Kien f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interess ferm qabel ma talab l-awtorizzazzjoni u baqa' f'din il-pożizzjoni wara li din ma ngħatatlux, dejjem mingħajr ebda dikjarazzjoni ta' dan il-kunflitt. Minn fuq jippretendi li kellu jiġi kkonsultat dwar x'deċiżjoni għandha tittieħed biex tittranġa s-sitwazzjoni – jedd li huwa biss tal-Gvern (u ċioe' l-entita' konċernata u s-Segretarju Permanenti konċernat) biex jiżgura li r-reputazzjoni u fiduċja fl-entitajiet pubbliċi ma tiġix imtappna;*

31. *B'hekk m'hemm ebda jedd tar-rikorrent li jikkontempla modalitajiet oħra hu dwar x'deċiżjoni kellha tittieħed – dawn ġew ikkunsidrati u d-deċiżjoni ttieħdet. Li kieku kien hemm xi kwistjoni dwar abbuż ta' poter, li l-esponenti assolutament jirrespinġu, ir-rikorrent jibqagħlu bla mittiefes kull dritt li jitlob stħarriġ ġudizzjarju mill-Qrati dwar il-proċedura adoperata. Iżda dan mhuwiex il-każ għaliex ir-rikorrent qiegħed biss jippretendi li kellha tittieħed deċiżjoni oħra bi qbil miegħu;*

32. *Il-Framework (**Dok JA 11** mar-rikors in risposta) fis-sezzjoni 6.3.7 jipprovdi li:*

    *"The action taken to manage identified conflicts of interest depends on the nature, severity, and associated **risks** of the identified conflict. The following table outlines **possible management strategies** that may be applied to manage conflicts of interest and provides **guidance,** intended to support the Principal Permanent Secretary, the Permanent Secretaries and the Conflict of Interest Committee, as applicable, in determining the most appropriate management strategy for managing a conflict of interest situation";*

    *Minn dan il-paragrafu joħorġu tliet punti important:*

(a) *It-table li jagħmel referenza għaliha r-rikorrent li tinkludi sitt soluzzjonijiet għal kunflitt ta' interess, hija biss gwida u mhux lista eżawrjenti. B'hekk l-argumenti tar-rikorrent fejn jgħid li m'hemmx possibilita' ta' redeployment u dwar liem soluzzjoni kellhom jagħżlu ma jreġġux;*

(b) *Id-deċiżjoni tiddependi fuq diversi fatturi fosthom ir-riskju tal-kunflitt – li f'dan il-każ kif ser jiġi spjegat iżjed fid-dettal meta nittrattaw il-preġudizzju għall-Gvern, jinvolvi r-reputazzjoni tal-Aġenzija Identita' u tal-Gvern in ġenerali; u*

(c) *Id-deċiżjonijiet huma **management strategies**, u ċioe' d-deliberazzjonijiet u d-deċiżjoni finali hija tal-management u mhux tal-impjegat involut fil-kunflitt. Imkien fil-Framework ma hemm imniżżel li l-impjegat għandu jiġi konsultat fid-deċiżjoni;*

33. *F'dan il-każ il-kunflitt kien serjissimu u lampanti, u mhux biss potenzjali iżda diġa' eżistenti mingħajr awtorizzazzjoni. B'kull rispett, l-argument li seta' kien hemm xi mod eħfef biex jittranġa dan il-kunflitt huwa fieragħ u irrilevanti, kemm għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-mansjoni li tiddeċiedi hi minflok l-awtorita' in kwistjoni dwar x'deċiżjoni kellha tittieħed u kif ukoll għaliex kif jidhru l-affarijiet prima facie d-deċiżjoni hija altru milli raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, anzi hija ġusta u ġeneruża;*

34. *Għandu jingħad ukoll li tant mhuwiex il-każ li r-rikorrent kellu bżonn jagħti xi tip ta' kunsens biex tittieħed id-deċiżjoni, li skont il-Manual on Resourcing Policies and Procedures (**Dok JA 9** mar-rikors promotur), sezzjoni 5.4.2: "The employees concerned will be **required** to endorse a*

*written guarantee, signalling their acceptance to terminate their employment with the original employer and to be redeployed with the other entity, whilst accepting the terms, conditions and financial package being offered" (enfażi miżjuda). L-unika raġuni għalfejn intalab jgħid jekk kienx ta l-kunsens tiegħu kien għaliex ir-redeployment jista' jsir b'talba tal-impjegat stess f'ċertu istanzi (bħal meta r-rikorrent talab li jiġi redeployed mal-entita' Indis Malta) u l-formola li trid timtela' mill-entita' li tkun ser tirċievi l-impjegat trid tindika jekk dan ikunx il-każ. Dan assolutament ma jfissirx li f'każi fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni mis-Segretarju Permanenti rilevanti, liema deċiżjoni tiġi ffirmata mill-Prim Ministru, din għandha tistenna xi forma ta' kunsens mill-impjegat. Di fatti r-redeployment jintuża wkoll f'każi fejn l-entita' tkun ser tiġi xolta, f'liema każ l-impjegati jiġu redeployed ma' entita' oħra minflok jitilfu xogħolhom għal kollox;*

35. *Naturalment, bħal fil-każ tar-rikorrent, l-impjegati dejjem għandhom l-għażla li jirriżenjaw minflok. Ir-rikorrent b'mod sorprendenti għall-aħħar bħal donnu jippreferi li kieku l-għażla li saret fuqu kienet li kellu jirriżenja – dik misjuba f'punt sitta tat-table fil-Framework. Jgħid li redeployment tiġi tkeċċija, asserzjoni żbaljata għall-aħħar, fil-waqt li iżda donnu ma jħossx li deċiżjoni ta' riżenja kienet tkun tant kiefra. Ir-rikorrent jinsa li din l-għażla li jirriżenja tibqa' dejjem tiegħu anke jekk isir redeployment, iżda b'dan il-mod ingħata ċ-ċans li ma jitwaqqafx minn xogħlu u jkompli jirċievi l-istess introjtu – għaliex b'redeployment ikun f'pożizzjoni l-iżjed simili possibli fl-entita' li tirċevih, bil-pakkett finanzjarju li jrid ikun tabilfors* ***l-istess jew aħjar****;*

36. *Għalhekk huwa fiċ-ċert illi l-proċeduri ta' stħarriġ dwar kunflitti ta' interess u l-konsegwenzi marbuta magħhom jistgħu jolqtu 'l kull uffiċjal fis-settur pubbliku, u għalhekk ir-rikorrent mhuwiex eżentat u* ***m'għandu ebda jedd illi ma jiġix soġġett għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu minħabba l-kunflitt ta' interess lampanti li kreja hu stess, anki jekk din id-deċiżjoni tista' toħloqlu inkonvenjent****;*

37. *Illi anzi huwa d-dmir ta' kull Segretarju Permanenti u entita' pubblika, illi jaraw illi jekk kunflitt ta' interess jiġi identifikat, jieħdu l-miżuri appożiti u rilevanti biex iwaqqfu l-kunflitt u jneħħu r-riskji kollha assoċjati miegħu;*

***Dwar il-preġudizzju irrimedjabbli***

38. *Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi ai termini tal-istess artikolu 873(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-****ħsara*** *li minnha r-rikorrent jillamenta tistax tkun waħda li ma tistax* ***tissewwa mod iehor****. Dan jimplika li r-rikorrent għandu jġib prova prima facie li l-preġudizzju li ser isofri huwa*

*wieħed li **ma jistax jittranġa** u li **ma jistax jiġi evitat <u>ħlief</u> bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni**;*

*Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta qieset illi:*

*"kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, **<u>imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu,</u> jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.**"[5] (enfażi miżjuda);*

39. *L-esponenti umilment jissottomettu illi ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmilitawx favur il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għaliex anke dan l-element huwa karenti;*

40. *Fl-ewwel lok, ir-rikorrent għandu l-fakolta' illi jressaq kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju li fiha jitlob li l-Qorti ssib illi l-egħmil amministrattiv u ċioe' d-deċiżjoni illi jiġi redeployed kienet leżiva tas-subartikoli tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk għall-grazzja tal-argument isir dan, dik il-Qorti għandha s-saħħa u l-poter illi tordna illi l-istess egħmil amministrattiv jiġi dikjarat null u mingħajr effett. Talba għal tħassir ta' egħmil amministrattiv tista' anki tinkludi talba għall-ħlas ta' danni;*

41. *L-esponenti jirrilevaw ukoll illi l-argument tar-rikorrent illi l-kumpens monetarju m'huwiex rimedju adegwat huwa argument li ma jreġġix. Dan qiegħed jingħad għaliex permezz tar-redeployment ir-rikorrent ser ikun qiegħed jipperċepixxi l-istess salarju u benefiċċji ma' entita' governattiva oħra fejn għandu l-istess opportunatijiet sakemm jirtira, kif jgħid ir-rikorrent stess, fi żmien 3 snin (sal-eta' ta 61). B'hekk lanqas minn dan l-aspett ma jista' jingħad li r-rikorrent ser isofri xi preġudizzju. Ironikament, ir-rikorrent donnu jippreferi li kieku ġie mġiegħel jirreżenja milli jiġi re-deployed, argument li ma jagħmel ebda sens għaliex huwa ovvju li meta wieħed jixħet iż-żewġ xenarji fuq miżien, ix-xenarju fejn ir-rikorrent jipperċepixxi l-istess salarju huwa bil-fors aktar vantaġġuż u favorevoli! (ara **L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci nomine vs Id-Direttur tal-Kuntratti** tat-18 ta' Lulju 2008, 976/2008/1JRM);*

42. *Illi dina l-Onorabbli Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet **Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et** deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, ikkunsidrat illi:*
*"Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju **ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus**. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef: "Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta'*

---

[5] Digriet tal-PA ghal Mandat ta' Inibizzjoni 1737/17JRM fl-ismijiet ***Geoffrey Bartolo vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et*** 4 ta' Jannar 2018

*Inibizzjoni **ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni** meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi" (enfasi miżjuda);*

43. *B'hekk, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina li tilqa' t-talba li saret għal ħruġ ta' rimedju proviżorju li huwa meqjus bħala **"mezz eċċezzjonali** u mhux normali ta' provediment legali, u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu **jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli**"[6] (enfażi miżjuda mill-esponenti);*

***Dwar il-preġudizzju sproporzjonat***

44. *Illi iżjed minn hekk, f'mandati kontra l-gvern, ir-rikorrent ikollu juri mhux biss illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa irrimedjabbli, iżda wkoll illi anke jekk irrimedjabbli, huwa **<u>agħar</u>** mill-preġudizzju li jista' jsofri l-gvern f'każ li l-mandat jintlaqa':*

*F'dan ir-rigward issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Frar 2020, fl-atti tar-Rikors Inibizzjoni Nru. 45/2020 RGM flismijiet **LBV Limited Vs Kunsill Lokali Gudja u L-Agenzija għal Infrastruttura Malta** fejn il-Qorti kkunsidrat:*

*"Għaldaqstant bil-liġi s-soċjetà rikorrenti trid tissodisfa tliet elementi sabiex jistħoqqilha tikseb il-ħruġ tal-mandat: (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, (b) ir-rikorrenti tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet, u (c) li r-rikorrenti sejra tbati preġudizzju sproporzjonat. ...*

*"**<u>Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'żieda ma' dawn iż-żewġ elementi, mandati fil-konfront tal-gvern għandhom jissodisfaw it-tielet element</u>. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn it-tliet elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak**. ...*

*"Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li **<u>flimkien</u> maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju**. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li 'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li*

[6] ***Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerc, Rikors numru 3135/94 deciza fit-22 ta' Settembru 1995*

*għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa għalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.";*

45. *Illi dwar il-**kriterju tal-proporzjonalita' fl-istess subartikolu 873(3)** fuq kwotat, meta wieħed jiżen il-preġudizzju li jista' jġarrab ir-rikorrent li kieku kellha tiġi finalizzata l-proċedura ta' redeployment tiegħu mal-entita' Waste Serv Malta Ltd ma' dak li jista' jsehh li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', **il-preġudizzju li ser isofri l-Gvern ħa jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' jġarrab ir-rikorrent**;*

46. *Ir-rikorrent jibbaża l-argument tiegħu dwar allegat sproporzjon fil-preġudizzju fuq żewġ binarji (vide premessa numru 52), u ċioe' li skontu ser jiġi mkeċċi wara 8 snin impjieg, u li skontu ser jiġi redeployed ma' kumpanija terza;*

47. *Fl-ewwel lok huwa assolutament azzurd l-argument tar-rikorrent li WasteServ Malta Ltd mhijiex entita' governattiva. Kif definit fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta), ""entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, korp speċjalizzat, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi." M'hemm ebda dubju, anke mid-dokument preżentat mir-rikorrent stess (Dok JA 8) li l-Gvern għandu kontroll effettiv f'din l-entita'. B'hekk ir-rikorrent jista' jserraħ rasu li r-redeployment huwa validu u mhux qiegħed isir għal "xi entita' distinta" minn mal-Gvern, jew xi "kumpanija terza". Allura dan il-preġudizzju huwa vvintat u ma jeżistix;*

48. *Fit-tieni lok, mhuwiex minnu lanqas li r-rikorrent ser jiġi "mkeċċi". Redeployment minn entita' għal oħra ma tikkostitwix tkeċċija fl-ebda tifsira tal-kelma. Hu kien u ser jibqa' ħaddiem fis-settur pubbliku. Kif jaf hu stess, u għalkemm għal xi raġuni donnu jippreferi li ntagħżlet dik l-opzjoni, il-kunflitt ta' interess seta' ġie riżolt b'talba għal riżenja. L-esponenti jgħidu bla tlaqliq li din l-għażla hija dejjem miftuħa għalih, iżda d-deċiżjoni tagħhom fiċ-ċirkostanzi kienet dik ta' redeployment proprju biex ir-rikorrent ma jitlifx xogħlu fil-waqt li tiġi riżolta s-sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess li ħoloq hu stess;*

49. *Min-naħa l-oħra, il-preġudizzju fuq il-Gvern, senjatament f'dan il-każ fuq is-Segretarju Permanenti esponenti u l-Aġenzija Identita', ikun serjissimu f'każ li jintlaqa' dan il-mandat. Dan ikun ifisser li l-Gvern m'għandux dritt*

*jieħu deċiżjonijiet biex isolvi kunflitt ta' interess serju u lampanti, liema deċiżjonijiet huma fid-dmir assolut tiegħu li jieħu mill-iktar fis possibli. Il-kunflit ta' interess jista' jwassal għal tħassib dwar l-integrita' tal-Aġenzija fl-intier tagħha, u jekk din is-sitwazzjoni ma titranġax minnufih imma għal snin tibqa' tistenna l-eżitu finali ta' xi kawża li jintavola r-rikorrent, dan ċertament ħa jkollu effett ħażin ħafna fuq ir-reputazzjoni tal-Aġenzija;*

50. *Il-Framework mhux talli jagħti dritt imma obbligu lis-Segretarju Permanenti responsabbli li jaċċerta li "when a conflict of interest is identified, pertaining to a public employee or board member within a Ministry, Government directorate / department, state agency and Government entity falling under his / her remit, appropriate action is taken to avoid, or otherwise mitigate the associated risks". M'għandux ikun li azzjoni li tittieħed għal din ir-raġuni tant importanti titwaqqaf minħabba li ma toġgħobx lill-impjegat, u minħabba tħassib ta' preġudizzju li kif rajna huwa tħassib fieragħ, inkella l-Gvern ma jkunx jista' jiffunzjona skont il-liġi u skont il-gwidi, policies u frameworks li daħħal fis-seħħ wara konsultazzjonijiet anke mal-Greco;*

51. *Dwar dan il-punt issir referenza għall-provvediment fl-atti tal-mandat fl-ismijiet* ***Stephen Attard vs Hadrian Bonello noe et*** *(1504/23JRM, 7 ta' Settembru 2023):*

*"Tqis li, fil-qofol, f'dan l-istadju l-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq li minnu jilmenta r-rikorrent* ***ma huwiex aktar minn tħassib li ma jissarrafx f'raġuni mqar mad-daqqa t'għajn għall-ħruġ tal-Mandat****. Kif sewwa ssottomettiet id-difensur tal-intimati waqt it-trattazzjoni, li kieku r-raġunijiet li r-rikorrent ġab 'il quddiem f'dan ir-rikors kellhom jintlaqgħu mill-Qorti biex toħroġ il-Mandat,* ***qatt ma jkun jista' jitnieda proċediment dixxiplinari kontra uffiċjal pubbliku****;"(enfażi miżjuda);*

52. *Jiġi mfakkar li talba għall-ħruġ ta' mandat ma' tistax isservi bħala "arm twisting" biex deċiżjoni li ma toġgħobx lir-rikorrent titwaqqaf waqt li l-Qrati jissindakawha u jiġi mirbuħ iż-żmien. L-esponenti tirreferi għall-provvediment fl-ismijiet* ***Geoffrey Bartolo vs Il-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku et*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 1737/17JRM) fejn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat illi:*

*"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li,* ***jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn****. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din" (enfażi tal-esponenti);*

53. *F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li jista' jsofri l-Gvern ma' dak li jista' jsofri r-rikorrent huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jġarrab il-Gvern fl-eventwalita' li jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jista' jsofri r-rikorrent li kieku dan il-mandat ma jinħariġx, liema dannu huwa kompletament ineżistenti. Jingħad ukoll illi r-rimedju ta' stħarrig ġudizzjarju huwa rimedju li jindirizza kwalsiasi ilment fuq il-proċedura addotatta mill-esponenti u li għalhekk tagħmel tajjeb għal kwalsiasi preokupazzjoni tar-rikorrent;*

54. *Illi għalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tordna l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta' tali mandat;*

    *Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti jissottomettu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Rat ir-Risposta tal-intimata Wasteserve Malta Limited tas-7 ta' April 2025 li mhix tiġi riprodotta peress illi ma ġiex f'dan is-sens osservat id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Marzu 2025, b'dan pero' illi l-Qorti qed tieħu konjizzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess risposti;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-intimati li għal finijiet tal-**Artikolu 873(3) tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, "*kien u għadu fil-ħsieb tal-intimati illi jitwettaq dak li qed jiġi mitlub illi jitwaqqaf*" - u b'hekk issodisfaw dak li trid il-liġi fil-kuntest ta' dak li jrid l-Artikolu 873(3) biex il-Mandat jinstema` u jiġi deċiż;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha u rat illi r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**:

Illi <u>in sintezi</u>, il-pożizzjoni tal-partijiet kif magħrufa lill-Qorti hija hekk:

Illi dak li l-Qorti qed tiġi mitluba illi żżomm huwa illi bi kwalunkwe mod, jitwaqqfu milli jagħmlu redeployment, jew trasferiment, jew varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrent, u dan wara li r-rikorrent rċieva korrispondenza b'email mic-Chief Human Resources Officer tal-Aġenzija Identita' Malta li permezz tagħha ġie infrumat illi ser jiġi 'redeployed to Waste Serve Malta Ltd with effect from Friday 28th March 2025'.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tirreferi għat-test tar-rikors kif riprodott hawn aktar il-fuq u żżid illi mit-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-**rikorrent**, il-Qorti tifhem illi r-rikorrent qed isostni illi redeployment tfisser in effetti terminazzjoni

ma' entita' u bidu ta' mpjieg ma' oħra. Isostni illi din il-Qorti ma għandhiex tidħol fil-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti għandux kunflitt ta' interess o meno fl-impjieg tiegħu u jgħid illi hemm diversi metodi ta' kif jiġi maniġġjat potenzjali kunflitt ta' interess illi mpjegat jista' jkollu.

Ir-rikorrent isostni illi l-proċeduri li saru huma forma ta' proċess ta' dixxiplina u ma ġewx mħarsa l-jeddijiet tiegħu – b'mod illi l-proċess wassal għal redployment tar-rikorrent meta ma jissussistux l-elementi meħtieġa għal redeployment fit-termini tal-KAP 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent sostna illi hemm diversi drittijiet/jeddijiet tiegħu li ġew leżi u li jirriżultaw fuq livell prima facie, fosthom id-dritt ta' smigħ xieraq, il-ksur tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, id-dritt illi jkun konsultat u d-dritt illi jkun jaf min qed jieħu deċiżjoni fuqu u a bażi ta' xiex ittieħdet tali deċizjoni. Isostni illi l-preġudizzju li ser isofri huwa fattwali u jikkonsisti fost oħrajn, f'telf tal-impjieg u telf tal-progression li għandu fil-post tax-xogħol attwali.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi min-naħa tagħhom, l-**intimati** jikkontestaw bil-qawwa kollha t-talba magħmula.

Ukoll a skans ta' ripetizzjoni, issir referenza għat-test tar-risposta tagħhom kif hawn fuq riprodotta u kif ukoll għar-risposta tas-soċjeta' intimata Wasteserve Malta Limited. Iżżid tgħid pero' illi tifhem illi mit-trattazzjoni tal-abbli Avukati difensuri tal-intimati illi r-risposta tal-intimati prinċipali hija ġuramentata peress illi jsostnu fermament illi l-fatti kif elenkati mir-rikorrenti mhux fattwali u korretti.

Isostnu illi bl-informazzjoni illi kellha f'idejha l-intimata Aġenzija Identita' Malta setgħu jittieħdu passi dixxiplinari fil-konfront tar-rikorrenti, iżda għażlet illi timxi mod ieħor biex ma tipperikolax l-impjieġ tar-rikorrent. Isostnu illi fil-proċess meħud, meħud u adottat rigorożament mar-regolamenti, ma hemmx obbligu illi l-impjegat ikun mgħarraf, anke għaliex il-Conflicts of Interest Committee mhux kumitat ta' dixxiplina. Issostnu illi Alla jħares illi fejn jirriżulta kunflitt ta' interess il-prinċipal ma jkollux id-dritt illi jaġixxi b'mod immedjat – fuq kollox hemm il-proċeduri idoneji sabiex tali proċeduri u deċiżjonijiet jiġu *challenged* jekk ir-rikorrent hekk iħoss xieraq.

Isostnu illi l-Aġenzija addottat ir-regolamenti u l-proċeduri skond il-liġi u skond kif obbligata tagħmel u sakemm dan il-proċess diġa' sar – mhemmx x'jitwaqqaf. Ulterjorment, hija deċiżjoni amministrattiva illi tista' tiġi anke annullata jekk Qorti

hekk tħoss opportun, kif ġieli ġara – li jmur biex ifisser illi ma hemmx bżonn ebda rimedju straordinarju peress illi r-rikorrenti għandu rimedji bil-liġi.

Finalment isosntu illi huwa dover tal-Gvern illi jassikura illi mpjegati tiegħu ma jkollomx kunflitt ta' interess fuq il-post tax-xogħol tagħhom u allura l-isproprorzjoni ikun ferm akbar jekk jintlaqa' l-Mandat peress illi l-Aġenzija tibqa' rinfaċċjata b'impjegat illi għandu kunflitt ta' interess fuq il-post tax-xoghol magħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħrufa l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel l-evalwazzjoni u l-konsiderazzjonijiet tagħha.

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap 12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u
2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[7] qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbagħad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra*

[7] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

*taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bħal fil-każ odjern, hemm entita' governattiva bħala intimat, b`żieda mal-elementi li joħorġu mis-subinċiżi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jingħad fis-subinċiż (3) u ċioe`:

(a) li l-ħaga li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u
(b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tiġi miżmuma.

Għar-rigward tal-element tal-preġudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinċiż (3), wara l-emenda li ġiet fis-seħħ f`Ottubru 2006, il-liġi ma baqgħetx titkellem dwar preġudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bħala l-bażi biex tkun milqugħa talba għall-ħruġ tal-mandat kontra l-Gvern, iżda huwa biżżejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li dak il-preġudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` żvantagg u ta` ħsara għar-rikorrent jekk il-ħaġa titwettaq.

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet,

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi qabel xejn il-Qorti trid tagħmel analażi tat-talba illi qed issirilha. It-talba hija ċara u minn qari akkurat tagħha jirriżulta ċar illi dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa li ma jingħatax effett u ma titpoġġiex fis-seħħ id-deċiżjoni ġja meħuda mill-Aġenzija intimata Identita' Malta wara d-deċiżjoni ġja meħuda mill-*Conflicts of Interest Committee*, prinċiparjament peress illi, kif ser jingħad aktar l-isfel, qed jivvanta preġudizzju għal jeddijiet illi jippretendi illi għandu fir-rigward tal-proċess quddiem il-kumitat imsemmi.

Dan qed jingħad peress illi dak imsemmi mir-rikorrent fit-talba tiegħu, allura r-*redeployment, jew trasferiment, jew varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol* – ma huma xejn għajr l-effetti tad-deċiżjonijiet ġja meħuda.

Fil-fatt, huwa bil-wisq evidenti illi l-azzjoni odjerna skattat proprju in segwitu għall-korrispondenza tas-26 ta' Marzu 2025, kif anke jistqarr ir-rikorrent stess, tant illi l-Qorti tagħmel referenza għall-paragrafu 29 tar-rikors promotur, li tqisu bhala l-pern tal-ilment tar-rikorrent u, li jgħid espressament hekk:

> *29. Illi huwa proprju minħabba din il-korrispondenza li r-rikorrent issa ma tħalla l-ebda għazla oħra ħlief li jintavola dan il-mandat ta' inibizzjoni stante illi issa huwa ċar u ovvju li*
>
> *i. xi ħadd ħa deċizjoni li r-rikorrent għandu jiġi redeployed;*
> *ii. dik id-deċizjoni r-rikorrenti ma jafx min ħadha;*
> *iii. ma kien hemm l-ebda trasparenza fil-proċess; la mill-Agenzija, u l-anqas mill-Kumitat; u wisq inqas minn min ħa d-deċizjoni;*
> *iv. r-rikorrent fl-ebda ħin ma ntalab jagħti l-posizzjoni tiegħu dwar l-allegat kunflitt ta' interess;*

v. *r-rikorrent ma kienx infurmat li l-kwistjoni kienet ser tiġi indirizzata mill-kumitat imsemmi;*

vi. *fl-ebda ħin ma ntalab jikkunsidra 'management stategies' differenti, kif wara kollux jissemmew u huma maħsuba fid-direttivi u l-policies tal-Gvern, u dan sabiex jiġu ġestiti kunflitti (jew kunflitti perċepiti) b'mod raġjonevolu u proporzjonat.*

vii. *Deċizjoni ta' redeployment hija l-aktar miżura drakonjana li l-Aġenzija setgħet qatt timponi;*

Ma hemmx dubju f'moħħ il-Qorti illi, fl-ewwel lok, id-deċiżjonijiet ikkontestati huma ormai meħuda in segwitu għal proċess li sar quddiem il-*Conflicts of Interest Committee*, tant illi ġew debitament komunikati lir-rikorrent. Fit-tieni lok, illi l-ilmenti tar-rikorrent jikkonċernaw il-proċess quddiem il-*Conflicts of Interest Committee* skattat mill-Aġenzija Identita' ai termini tar-Regolamenti. Ma hemmx dubju lanqas f'moħħ il-Qorti illi l-proċess inniffsu huwa purtroppo proċess magħluq u konkluż.

Konsegwentament, tħares minn fejn tħares lejn it-talba mressqa, il-Qorti tabbraċċja s-sottomissjoni magħmula mid-difensuri tal-intimati meta sostnew illi ma jistax jintlaqa' Mandat ta' Inibizzjoni u titwaqqaf xi ħaġa li hija diġa magħmula. Kif inhu ben risaput, il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*.

Sakemm l-ilmenti u l-preġudizzji li r-rikorrenti jittenta jipprova, imqar fuq livell prima facie, huma direttament relatati mal-proċess inniffsu quddiem il-*Conflicts of Interest Committee*, li huwa ġja magħmul u konkluż – il-Qorti tista' biss tasal biex tiddikjara illi dan huwa Mandat ta' inibizzjoni mitlub biex jitwaqqaf xi ħaġa li ġja saret.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn imma tħoss doveruż ukoll illi tirrimarka illi in kwantu r-rimedju, għandha ukoll mis-sewwa is-sottomissjoni tad-difensuri tal-intimati fis-sens illi għall-ilmenti mressqa u espressi fir-rikors, ir-rikorrent għandu rimedju x'jista' jieħu bil-liġi tagħna – u kif gieli anke sar, dak ir-rimedju jista' jwassal anke għan-nullita' tad-deċiżjonijiet meħuda.

Kif diversi drabi saħqu l-Qrati tagħna fi proċeduri simili, il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Il-Qorti ma tħossx illi dan huwa il-każ hawnekk.

Issa, filwaqt illi l-Qorti tqis illi kien inizjattiva li tassew wieħed għandu jfaħħar u kienet f'waqtha u xierqa illi fi Frar 2024 daħħal fis-seħħ il-"*Framework for Preventing and Managing Conflict of Interest in the Public Sector*" – huwa mistħoqq ukoll illi l-ilmenti/preġudizzji mressqa mir-rikorrenti fir-rigward tal-proċess *per se* jiġu analizzati u skrutinati mill-Qorti kompetenti fid-dettall, ċertament imma mhux f'din il-proċedura, imma fi proċedura ta' rimedju appositu illi jezisti għar-rikorrent kif fuq ingħad u li jekk irid, jista' jieħu.

U fil-frattemp, il-Qorti tqis, partikolarment safejn ir-rimedju li jista' jieħu r-rikorrent huwa tassew wieħed ampju jekk il-Qorti li tagħmel dak l-istħarriġ tasal biex tqis illi l-ilmenti tiegħu għandhom is-sewwa – illi ma jkunx ekwu u proprorzjonat illi jinżamm milli jingħata effett lid-deċiżjoni ġja meħuda u komunikata lir-rikorrenti, fl-isfond tal-fatti kollha illi jiċċirkondaw dan il-każ.

Dan qed jingħad ukoll peress illi l-Qorti tabbraċċja mhux biss l-paragrafu 3.1 tal-Manual on Resourcing and Procedures li jgħid espressament hekk:

> *The effective management of conflict of interest matters is key to safeguard the integrity, reputation and trust in the public administration.*

iżda ukoll dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta meta qalet hekk fid-digriet għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 997/18 fl-ismijiet **Dr Johann CRAUS vs IL-KUMMISSJONI GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa** (18.07.2018):

> *Tqis li, essenzjalment, it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat trid li l-Qorti torbot lill-Kummissjoni intimata li timxi mal-liġi jew, fin-nuqqas, ma tkomplix miexja bil-proċess. Dwar dan, il-Qorti jidhrilha li ma għandhiex tkun talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex awtorita' pubblika (bħalma hija l-Kummissjoni intimata) tintwera li trid twettaq is-setgħat tagħha billi tħares il-liġi. Dan imissha u hija mistennija tagħmlu dejjem.*

Li l-Qorti tqis ugwalment applikabbli għal każ odjern.

Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma jirriżultax li r-rikorrent wera li jeżistu l-elementi kollha biex it-talba tiegħu tkun tista' tintlaqa', u

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tgħaddi biex tiddeċiedi t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub billi:

1. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2025, safejn kienet milqugħa t-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, u,

2. **Tiċħad it-talba** għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, **kull parti għandha tħallas l-ispejjeż u drittijiet tagħha fir-rigward ta' din il-proċedura.**

**Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 22 ta' April, 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**